MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Numru. 941/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**(Spettur Sylvana Briffa)**

**Vs**

**Gianella Marie Okeakpu**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Erbgha 29 ta' Ottubru, 2014**

Kumpilazzjoni Numru: 941/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Gianella Marie Okeakpu, bint Alfred Bugeja u Doreen Chircop nee' Abela mwielda fil-21 ta' April, 1988 gewwa Tal-Pieta', residenti 46, "Chalton", Fl 9, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0237088M talli:

Fil-Gzira, u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-28 ta' Settembru 2014, ghall-habta ta' 21:25hrs u ghall-habta ta' 23:50hrs u fil-gimghat u xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt lit kun tagixxi ghallesekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti cioe' Wps 261, Donatella Frendo u Wpc 89 Maria Carmela Spiteri;

2) F'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artiklu 7(2) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli naqset milli tobdi ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku;

4) Uaktar talli kisret il-provediment ta' l-artikolu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 09 ta' Dicembru 2013 u 03 ta' April 2014;

5) U aktar ikkommettiet reat waqt li kienet taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

6) U aktar talli saret recediva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata tinsab akkuzata li fit-28 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' 21:25hrs u 23:50hrs hija kkommettat reat konness ma' vjolenza kontra ufficcjali pubblici u precisament bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Hija akkuzata wkoll li fil-gurnata appena msemmija u fil-gimghat u xhur ta' qabel b'rizoluzzjoni wahda tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u ghaldaqstant akkuzata b'reat kontinwat. Oltre' dan akkuzata li m'obditx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' u li kisret zewg ordnijiet ta' probation, li wettqet reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u li hija recediva a tenur ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni, Wps 261 Donatella Frendo[1] xehdet li fit-28 ta' Settembru 2014 flimkien mal-kollegi l-ohra kienu qeghdin jaghmlu spezzjonijiet gewwa l-Gzira u l-Marsa. Ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin ghaxra hija kienet innutat lill-imputata fil-Gzira li kienet qeghda barra titkellem ma' ragel li kien gewwa vettura. Hija tghid li avvicinat lill-imputata u nfurmata li kienet taht arrest. Xehdet ukoll li l-kollegi taghha kienu ordnaw lill-imputata biex titlaq minn hemm. Ix-xhud xehdet is-segwenti:

*"Meta gejna biex narrestawha hija rresistit l-arrest insomma apparti xeba' kliem ta' insulti, insomma rnexxilna nimmantjawha kont jiena flimkien mal-kollega tieghu Wpc 89 dhalna go l-imsemmija vettura. Kien hemm ta' l-RIU u hadniha l-lock-up".*

Dwar dan il-punt xehdet ukoll li hekk kif rat lill-imputata hija infurmatha li kienet se tinzamm taht arrest minhabba li ma kinitx obdit l-ordni moghtija lilha mill-Pulizija ftit tal-hin qabel biex titlaq. Ix-xhud tghid:

[1] Stazzjonata fis-sezzjoni tal-Vice-Squad – xehdet fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

*"Il-karozza tal-mobile, jigifieri jien rajtha in a cross road, il-karozza tal-mobile kienet qeghda 'l fuq, ovvjament jien qbadtha biex inressaqha lejn il-karozza. Hi bdiet tirresisti l-arrest tipo bdiet tiggieled maghna ovvjament uzajna l-forza limitata li stajna mbaghad dawwartha, immanetjajtha u dahhaltha fil-karozza. Fil-karozza kien hemm ukoll cirkostanzi tipo hi bdiet tghidli tmissnix insomma, tersaqx lejja u kienet bhal attitudni ma kinitx bhal attitudni kalma u bdiet tghidli li ha terga' tinzel, ghalxejn arrestajtuni ghax jiena xorta ser nerga' nizel"*

*"Bdiet tirresisti l-arrest ghax ovvjament ma bdietx ittieni jdejha, jiena kelli kont diga' kelli id wahda umbaghad kelli ndawwarha, dawwartha mal-karozza ku gibtha b'idejha wara mbaghad kien il-Pulizija tal-mobile li libsilha l-manetti. Ovvjament fil-karozza ma konniex qeghdin komdi ghax anki hi kellha l-manetti fuq in-naha ta' wara. Jigifieri fl-ebda hin hi qabdet ma tatni jdejha u qaltli hudhom, kelli nigbidha biex narrestaha".*

Wpc89 Mariella Spiteri[2] xehdet li fit-28 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' 21:25hrs kienet il-Gzira fi Triq Sir Ugo Mifsud hija kienet ma' PS 1475 u Wps 261 u rat lill-imputata u qaltilha biex titlaq u din qaltilha li hekk kienet se taghmel. Waqt ronda ohra fl-istess lejl ghall-habta ta' 23:50hrs fi Triq Guzeppi Cali', Gzira regghet rat lill-imputata li kienet qeghda fejn karozza tkellem lil persuna maskili. Il-Pulizija avvicinawha u infurmawha li kienet taht arrest. Hija rresistit l-arrest u dahluha fil-karozza tal-RIU u eskortawha d-Depot. Mistoqsija specifikatament tispjega b'liema mod l-imputata irresistit l-arrest hija xehdet is-segwenti:

*"Mela hi x'hin morna hdejha bdiet tibki, bdiet tghidilna halluni ha mmur norqod, halluni mmur norqod, bdiet taghti b'idejha u b'saqajha. Is-Surgent Wps261 irnexxilha taghmilha l-manetti, dhalna fil-karozza, x'hin dhalna fil-karozza tal-RIU bdiet taghti b'saqjha fil-karozza li x-xufier stess beda jghidilna resquha lura, baqghat taghti, bdiet toffendi lis-Surgent umbaghad x'hin wasalna*

[2] Stazzjonata fis-sezzjoni tal-Vice-Squad – xehdet fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

*c-CID gewwa d-depot bdiet tghidilna, bdiet tghidilna hallini tmissnix, hallini tmissnix, spiccat kwazi qattghat il-flip flop, dahhalnija gewwa bil-manetti mbaghad ikkwietat gol-lock-up".*

Illi l-imputata min-naha taghha xehdet li hija kienet irrabjata u ma missietx lill-pulizija u cahdet li rrezistit l-arrest.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Rosanne Debattista) vs Nico Nappa**[3] fejn inghad:

*"L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:*

*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith." Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.*

*Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.*

[3] Moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Marzu, 2014

*2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-mens rea ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.*

*3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

*Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:*

*"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz"."*

Illi abbazi tal-gurisprudenza fuq ikkwotata u wara li l-Qorti qieset il-fatti kif sehhew skont il-provi prodotti tqis li din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata. L-agir ta' l-imputata certament ma kienx wiehed ta' attakk jew resistenza kif trid il-ligi. Il-fatt li l-imputata ma hargitx idejha mill-ewwel biex tigi immanetjata ma jwassalx awtomatikament biex tinstab htija taht dan l-artikolu. F'dan il-kaz irrizulta li l-imputata rrabjat ghaliex kienet qeghda tigi arrestata u certament ma kkoperatx mal-Pulizija. Kif diga' gie sottolineat l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid (u f'dan il-kaz lanqas jirrizulta li kien hemm theddid) qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. F'dan il-kaz l-imputata la wzat forza, la vjolenza u lanqas hebbet ghall-pulizija. Kwindi din il-qorti qeghda tillibera lill-imputata minn tali akkuza.

Illi inkwantu ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova dawn l-imputazzjonijiet fil-grad rikjest mil-ligi. Infatti diversi xhieda tressqu jikkonfermaw li lill-imputata rawha mhux biss dakinhar tat-28 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' 21:25hrs u ghall-habta ta' 23:50hrs[4] izda rawha wkoll f'diversi granet ohra fil-gimghat u xhur ta' qabel. Fix-xhieda tieghu PS1475 Frank Cassar jixhed li dakinhar tat-28 ta' Settembru 2014 l-imputata ghall-habta tad-9.30p.m intalbet titlaq minn Triq Giuseppe Cali, Gzira li hija triq maghrufa ghall-prostituzzjoni. Imbaghad regghu rawha t-tieni darba fil-11.50p.m. u kien dak il-hin li giet arrestata. Huwa xehed ukoll li kien hemm drabi ohra li kienu fl-4 ta' Awwissu 2014 fi Triq Testaferrata, Gzira. L-ewwel darba li raha kien fid-9.00p.m. u t-tieni darba ra' fis-1.45a.m. f'Imsida Road, Gzira. Hija kienet liebsa qasir lbis ta' kulur abjad. Xehed li huwa raha titlajja fis-sens *wieqfa imma timxi* . Fil-21 ta' Awwissu 2014 giet osservata fi Triq Testaferrata, Gzira fis-siegha neqsin ta' filghodu u t-tieni darba fis-1.15a.m. fi Triq Giuseppe Cali, Gzira. Hija kienet liebsa dublett tal-jeans blu u flokk iswed bla kmiem. Fl-14 ta' Settembru 2014 ra diehla go

[4] Ara xhieda PS 1475 Frank Cassar fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014; WPS 261 Donatella Frendo li ratha f'dik il-gurnata ghall-habta ta' 23:50hrs; Wpc89 Mariella Spiteri

bitha ta′ blokka bini li tintuza′ bhala garaxxijiet u huwa post maghruf ghall-prostituzzjoni. Dakinhar instabet fil-kumpanija ta′ persuna maskili li meta mitkellem minnhom qalilhom li talbitu €30 ghas-servizz ta′ prostituzzjoni. Din il-persuna ma gietx prodotta bhala xhud f′dawn il-proceduri. Semma wkoll it-18 ta′ Settembru 2014 fejn l-imputata giet mitkellma darba, darbtejn u giet infurmata li se jinhargu l-akkuzi fil-konfront taghha.

Wpc278 Sharona Buhagiar[5] xehdet li hija wkoll rat diversi drabi lill-imputata bejn is-7.00p.m. u t-3.00a.m. waqt li l-Pulizija jkunu qeghdin jaghmlu r-ronda mat-toroq maghrufin ghall-prostituzzjoni. Hija tixhed li rat lill-imputata kemm-il darba titlajja fi Triq Testaferrata, Triq Enrico Mizzi u Triq Sir Ugo Mifsud dejjem fil-Gzira. Hija ssemmi t-8 ta′ Awwissu 2014 fit-19:57pm. meta l-imputata kienet fil-kumpanija ta′ Steven Stellini u x-xhud u kollega taghha ordnawlhom biex jitilqu mill-inhawi[6]. Aktar tard dakinhar raw lill-imputata fi Triq Testaferrata, Gzira fejn giet imwaqqfa u ordnata biex titlaq. Madankollu fl-istess lejla f′12.20a.m. regghu rawha fi Triq Testaferrata kantuniera ma′ Enrico Mizzi fejn giet infurmata li kienu se jinhargu akkuzi fil-konfront taghha u giet ordnata biex titlaq. Dakinhar hija kienet liebda playsuit qasira bil-leopard print. Ix-xhud tirreferi wkoll ghas-26 ta′ Awwissu 2014 fejn l-imputata kienet qeghda titlajja fit-toroq maghrufa ghal dan il-ghan.

Wps261 Donatella Frendo ukoll xehdet li apparti fit-28 ta′ Settembru 2014 fil-hinijiet indikati fl-akkuza kien hemm diversi okkazjonijiet li rat lill-imputata titlajja. Kien hemm drabi fejn sempliciment il-pulizija jkellmuha, jieqfu, jidentifikaw ruhhom u jghidulha biex titlaq. Dawn kienu fit-12 ta′ Gunju 2014, fit-18 ta′ Gunju 2014, fl-24 ta′ Gunju 2014, fl-24 ta′ Awwissu 2014, fid-29 ta′ Awwissu 2014, fl-4 ta′ Settembru 2014, fl-10 ta′ Settembru 2014. Kien hemm imbaghad zewg okkazjonijiet fis-6 ta′ Awwissu 2014 fejn ratha titlajja f′zewg istanzi u rraportatha. Imbaghad

[5] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2014
[6] Ikkonfermat mix-xhud Wpc 60 Grace Bianco

fil-31 ta' Awwissu 2014 bejn il-lejl tal-1 ta' Settembru 2014 hija flimkien ma' Ps 1475 rawha diehla flimkien ma' ragel gewwa garaxx fi Triq Abateo Court ghall-habta ta' 21.40hrs u kienet kellmet lill-imputata li min-naha taghha qaltilha li kienet hemm b'xoghol.

Wps 33 Bernardette Valletta[7] xehdet li kienet xoghol fid-29 ta' Gunju 2014 u ghall-habta tad-9.55p.m. l-imputata giet innutata fi Triq Testaferrata fejn giet mitkellma biex titlaq minn fuq il-post u fil-fatt telqet. L-istess gara fil-21 ta' Settembru 2014. Wpc 308 Kimberly Camilleri[8] ukoll xehdet li rat lill-imputata titlajja fit-toroq maghrufa ghall-prostituzzjoni filghaxijiet f'diversi dati.

Illi l-imputata li ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri cahdet li hija tkun qeghda fit-toroq imsemmija mill-pulizija biex titlajja izda qalet li tkun qeghda timxi billi hija toqghod il-Gzira.

Illi referenza ssir ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs Josephine Grixti[9]:**

*"Illi kif ben tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. David Scicluna fil-kawza*

*"**Il-Pulizija vs. Mary Rose Vassallo"** [29.3.2006] citata mill-appellanti, biex tirmexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7 (2) tal-Kap.63, irid jigi pruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghall-procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, <u>fi triq jew f' post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat (loitered)</u> jew ghamlet biex thajjar ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra.*

[7] Seduta tal-21 ta' Ottubru 2014
[8] Seduta tal-21 ta' Ottubru 2014
[9] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Jannar 2007

*Tali prova ssir permezz, u tista' tirrizulta minn diversi cirkostanzi, mehudha wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju, diskors li ntqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f' post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkostanzi ohra. (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti kif preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Michael Falzon"** [19.6.2002] il-kliem: "jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni" u ( "loiters or solicits for the purpose of prostitution", fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti , nojjuz u koncetti simili". Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li it-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f' xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac- **"circumstantial evidence"** huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun. "*

*Ikkonsidrat;*

*Illi f' dan il-kaz ma hemmx dubju li l-post fejn instabet l-appellanti ghal darbtejn fl-istess lejl hu post maghruf ghall-prostituzzjoni. Jirrizulta li kienet liebsa ilbies intiz biex jigbed l-attenzjoni ossia mini skirt qasir fuq boots bojod u gakketta hamra. Jidher ukoll li minkejja li ntbaghtet minn hemm mill-Police Woman fl-10.30 pm. l-appellanti baqghet titlajja fuq il-post sal-11.45 pm. Issa dan mhux il-promenade ta' tas-Sliema jew San Pawl il-Bahar fejn forsi sa tard bil-lejl issib nies u familji shah jippassiggaw ghall-affari taghhom. Imma hu post f' zona industriali pjuttost imwarrab mill-stream of traffic u li gie dikjarat f' diversi sentenzi tal-Qrati, inkluza dik appena citata, li hu post maghruf ghall-*

*prostituzzjoni. Inoltre din ma kienetx l-ewwel darba li l-Pulizija kienu rawha f' dawk l-agwati skond ix-xhud WPC Pulis."*

Din il-Qorti m' ghandix l-icken ombra ta' dubju li l-imputata kemm fit-28 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' 21:25hrs u ghall-habta ta' 23:50hrs kif ukoll fil-gimghat u xhur ta' qabel f'hinijiet differenti u fid-diversi toroq imsemmija fil-Gzira kienet hemm ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali u ghal xejn aktar. Il-versjoni moghtija mill-imputata ma tistax titwemmen. Bizzejjed issir referenza ghad-diversi xhieda li tressqu li rawha u kellmuha hafna drabi biex titlaq mill-inhawi proprju maghrufa ghal dan l-iskop ghaliex kienet qeghda hemm ghal skop ta' prostituzzjoni u l-mod kif tkun liebsa. L-imputata wkoll ma tistax titwemmen meta xehdet li hija toqghod gewwa Triq Testaferrata gewwa l-Gzira. Dan ghaliex fl-istqarrija rilaxxjata minnha fid-29 ta' Settembru 2014 hija stqarret li tghix ma' zewgha f'San Pawl il-Bahar u fix-xhieda taghha lanqas tat l-indirizz komplet taghha. Irrizulta wkoll li ghalkemm fid-diversi drabi l-Pulizija qalulha biex titlaq mill-inhawi gieli obdiet u drabi ohra le tant li kienu jerghu jarawha fl-istess lejl.

Illi inkwantu ghar-raba' imputazzjoni gie ppruvat li l-imputata kisret il-provvediment ta' l-artikolu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 9 ta' Dicembru 2013 billi s-sentenza giet opprezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri. Jirrizulta li l-konnotati f'dik is-sentenza huma identici ghall-konnotati ta' l-imputata odjerna. Infatti jirrizulta li l-imputata permezz ta' din is-sentenza, fuq ammissjoni taghha stess, instabet hatja tar-reati addebitati u tpoggiet taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin. Kwindi huwa ben evidenti li l-imputata kisret tali ordni ghaliex l-akkuzi odjerni jirrisalu ghal Settembru 2014 u gimghat u xhur ta' qabel u ghalhekk fit-terminu operattiv tas-sentenza. Din il-Qorti se titratta mal-imputata kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dawk il-proceduri l-imputata kienet giet akkuzata talli fil-Gzira u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Frar 2013 ghal habta ta'

22.21hrs u fis-26 ta' Frar 2013 ghall-habta ta' 01.16hrs f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali; kif ukoll li saret recediva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Hija wkoll kienet giet akkuzata li kisret provvediment ta' l-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 15 ta' Gunju 2012 izda l-Qorti astjeniet minn din l-imputazzjoni billi kien hemm denunzja pendenti quddiem il-Qorti Kriminali.

Ghalhekk din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputata ghal dawn l-imputazzjonijiet li taghhom kienet instabet hatja. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief li timponi piena karcerarja. Bhala piena l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija f'dawk il-proceduri.

Madankollu ma giex ippruvat li l-imputata kisret ordni ta' probation moghti fit-3 ta' April 2014 billi s-sentenza ma gietx ezebita in atti. Kwindi l-imputata qeghda tigi liberata inkwantu din il-parti tal-hames imputazzjoni.

Illi l-hames imputazzjoni wkoll giet ippruvata. Il-konnotati ta' l-imputata fis-sentenza ezebita huma identici ghall-konnotati ta' l-imputata odjerna. Infatti permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 30 ta' Ottubru 2013, fuq ammissjoni, l-imputata instabet hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha (li kienu simili ghal dawk odjerni hlief li ma gietx akkuzata taht l-artikolu 96 tal-Kap 9) u giet ikkundannata ghal sitt xhur habs sospizi ghal tlett snin. Kwindi huwa ben evidenti li l-imputata kisret tali ordni ghaliex l-akkuzi odjerni jirrisalu ghal Settembru 2014 u gimghat u xhur ta' qabel u ghalhekk fit-terminu operattiv tas-sentenza. Din il-Qorti anki f'dan il-kaz ma tqisx li ghandha

triq ohra ghajr li tirrendi operattiva tali sentenza tenendo kont li l-imputata baqghet ghaddejja bl-istess stil ta' hajja.

Illi s-sitt imputazzjoni giet ippruvata wkoll billi gew ezebiti diversi sentenzi li ghandhom l-istess konnotati ta' l-imputata odjerna u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali ta' l-imputata minn fejn jirrizulta li l-imputata diga' xellfet dufrejha mal-gustizzja u konsistentement giet akkuzata bl-istess akkuzi relatati ma' prostituzzjoni. Jirrizulta li l-imputata inghatat diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna biex tfittex l-ghajnuna u tibdel hajjitha izda huwa ovvju li hija rmiet dawn l-opportunitajiet. Ghalhekk din il-Qorti tqis li m'ghandhix alternattiva hlief li timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 338(ee), 17, 18, 31, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja ta' l-ewwel akkuza u tar-raba' akkuza inkwantu din tirreferi ghal ksur tal-provvediment ta' l-artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghti bis-sentenza moghtija fit-3 ta' April 2014 u ghaldaqstant tilliberaha minnhom, issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannaha ghal sitt (6) xhur prigunerija li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien kemm l-imputata damet taht arrest preventiv.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta, billi l-imputata instabet hatja tar-raba' imputazzjoni, u cioe li kisret il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tad-9 ta' Dicembru 2013 maghmul mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali, qed tittratta maghha ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hija kienet tpoggiet taht tali ordni daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li tirrevoka l-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza msemmija, wara li rat l-artikoli 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputata ghal prigunerija ghal perjodu ulterjuri ta' xahrejn.

Inoltre' b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qeghda iddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza ta' sitt xhur prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 2013.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------